Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 752/2007**

tat-30 ta' Mejju 2007

dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mill-Ukraina

(ĠU L 178, 6.7.2007, p. 1)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1465/2007 tat-12 ta' Diċembru 2007	L 327	6	13.12.2007

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 752/2007

tat-30 ta' Mejju 2007

dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mill-Ukraina

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Partenarjat u Kooperazzjoni li jistabbilixxi partenarjat bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u l-Ukraina, fuq in-naħa l-oħra ([1]), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-PCA", daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1998.

(2) L-Artikolu 22(1) tal-PCA jipprevedi li l-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar għandu jiġi rregolat mit-Titolu III ta' dak il-Ftehim, għajr għall-Artikolu 14 tiegħu, u mid-dispożizzjonijiet ta' ftehim dwar arranġamenti kwantitattivi.

(3) Fit-18 ta' Ġunju 2007, il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Ukraina laħqu Ftehim tali dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar ([2]), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim".

(4) Huwa meħtieġ li jingħataw il-mezzi sabiex jiġu amministrati t-termini tal-Ftehim fi ħdan il-Komunità, filwaqt li titqies l-esperjenza miksuba minn ftehimiet preċedenti dwar termini simili.

(5) Huwa xieraq li l-prodotti kkonċernati jiġu kklassifikati fuq il-bażi tan-nomenklatura magħquda (NM) stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tariffarja u statistika u dwar it-Tariffi Doganali Komuni ([3]).

(6) Huwa meħtieġ li jkun żgurat li l-oriġini tal-prodotti kkonċernati tkun ikkontrollata u li jiġu stabbiliti metodi adattati ta' kooperazzjoni amministrattiva għal dan il-għan.

(7) L-applikazzjoni effettiva tal-Ftehim teħtieġ l-introduzzjoni ta' rekwiżit ta' awtorizzazzjoni ta' importazzjoni tal-Komunità għad-dħul f'moviment ħieles fil-Komunità tal-prodotti kkonċernati flimkien ma' sistema għall-amministrazzjoni ta' l-għoti ta' tali awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni tal-Komunità.

(8) Prodotti mqiegħda f'żona ħielsa jew importati taħt l-arranġamenti li jirregolaw l-imħażen tad-dwana, importazzjoni temporanja jew ipproċessar attiv (sistema ta' sospensjoni) ma għandhomx jitqiesu mal-limiti stabbiliti għall-prodotti kkonċernati.

(9) Sabiex jiġi żgurat li dawn il-limiti kwantitattivi ma jinqabżux, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura ta' ġestjoni fejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ma joħroġux awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni qabel ma tinkiseb konferma minn qabel mill-Kummissjoni li se jibqa' ammonti xierqa disponibbli fi ħdan il-limiti kwantitattivi kkonċernati.

([1]) ĠU L 49, 19.2.1998, p. 3.
([2]) Ara paġna 24 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([3]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 580/2007 (ĠU L 138, 30.5.2007, p. 1).

▼B

(10) Il-Ftehim jipprevedi sistema ta' kooperazzjoni bejn l-Ukraina u l-Komunità bil-għan li tipprevjeni l-elużjoni permezz ta' trasbord, tibdil fir-rotot jew mezzi oħrajn. Għandha tiġi stabbilita proċedura ta' konsultazzjoni li taħtha jkun jista' jintlaħaq ftehim mal-pajjiż ikkonċernat dwar tibdil ekwivalenti għal-limitu kwantitattiv rilevanti meta jidher li kien hemm elużjoni tal-Ftehim. L-Ukraina qablet li tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura li kwalunkwe aġġustament ikun jista' jiġi applikat malajr. Fin-nuqqas ta' preżenza ta' ftehim fil-limitu ta' żmien mogħti, il-Komunità għandu, fejn ikun hemm evidenza ċara ta' elużjoni, ikollha l-possibiltà li tapplika l-aġġustament ekwivalenti.

(11) Mill-1 ta' Jannar 2007 importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti koperti minn dan ir-Regolament ġew soġġetti għal liċenzja bi qbil mar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1871/2006 tal-11 ta' Diċembru 2006 dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina ([1]). Il-Ftehim jipprevedi li dawk l-importazzjoni għandhom jitqiesu mal-limiti stabbiliti għall-2007 f'dan ir-Regolament.

(12) Għal raġunijiet ta' ċarezza huwa għalhekk meħtieġ li r-Regolament (KE) 1871/2006 jinbidel b'dan ir-Regolament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament japplika għal importazzjonijiet fil-Komunità ta' prodotti ta' l-azzar elenkati fl-Anness I, li joriġinaw mill-Ukraina.

2. Il-prodotti ta' l-azzar għandhom jiġu kklassifikati fi gruppi ta' prodotti kif stipulat fl-Anness I.

3. L-oriġini tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu stabbiliti skond ir-regoli fis-seħħ fil-Komunità.

4. Il-proċedura għall-verifika ta' l-oriġini tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 huma stipulati f'Kapitoli II u III.

Artikolu 2

1. L-importazzjoni fil-Komunità tal-prodotti elenkati fl-Anness I li joriġinaw fl-Ukraina għandhom jiġu soġġetti għal limiti kwantitattivi annwali stipulati fl-Anness V. Il-ħelsien għal moviment ħieles fil-Komunità tal-prodotti elenkati fl-Anness I li joriġinaw fl-Ukraina għandhom jiġu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' l-oriġini, stipulat fl-Anness II, u ta' awtorizzazzjoni ta' importazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri b'konformità ma' l-Artikolu 4.

L-importazzjonijiet awtorizzati għandhom jingħaddu mal-limiti kwantitattivi stipulati għas-sena li fiha l-prodotti jintbagħtu mill-pajjiż esportatur.

2. Sabiex jiġi żgurat li l-kwantitajiet li għalihom jinħarġu awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni, f'ebda mument ma jaqbżu l-limiti kwantitattivi totali għal kull grupp tal-prodott, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni biss wara l-konferma mill-Kummissjoni li jkun għad hemm kwantitajiet disponibbli fi ħdan il-limiti kwantitattivi għall-grupp ta' prodott rilevanti ta' prodotti ta' l-azzar fir-rigward tal-pajjiż fornitur, li għalih importatur

([1]) ĠU L 360, 19.12.2006, p. 21.

▼B

jew importaturi ppreżentaw applikazzjonijiet lil dawk l-awtoritajiet. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament huma elenkati fl-Anness IV.

3. Sa mill-1 ta' Jannar 2007 importazzjonijiet ta' prodotti li għalihom kienet meħtieġa liċenzja skond ir-Regolament (KE) 1871/2006 għandhom jitqiesu mal-limiti rilevanti għall-2007 kif stipulati fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

4. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament u mid-data ta' l-applikazzjoni tiegħu, kunsinna ta' prodotti għandha tiġi kkunsidrata li seħħet fid-data li fiha din tgħabbiet fuq il-mezz ta' trasport għall-esportazzjoni.

Artikolu 3

1. Il-limiti kwantitattivi elenkati fl-Anness V ma għandhomx japplikaw għall-prodotti mqiegħda f'żona ħielsa jew f'maħżen ħieles jew importati taħt l-arranġamenti li jirregolaw l-imħażen doganali, importazzjoni temporanja jew proċessar attiv (sistema ta' sospensjoni).

2. Fejn il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 jiġu sussegwentement meħlusa għal moviment ħieles, kemm fl-istat mhux mibdul tagħhom kif ukoll wara li jkunu nħadmu jew ipproċessati, għandu japplika l-Artikolu 2(2) u l-prodotti hekk meħlusa għandhom jingħaddu mal-limiti kwantitattivi rilevanti stipulati fl-Anness V.

Artikolu 4

1. Għall-għan ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 2(2), qabel jinħarġu awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kumissjoni bl-ammont tat-talbiet għal awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni, sostnuti minn liċenzji ta' l-esportazzjoni oriġinali, li jkunu rċievew. Immedjatament, il-Kummissjoni għandha tinnotifika l-konferma tagħha li l-ammont(i) ta' kwantitajiet mitlub(a) huma disponibbli għall-importazzjoni fl-ordni kronoloġiku li fiha jkunu waslu n-notifiki ta' l-Istati Membri.

2. It-talbiet inklużi fin-notifiki lill-Kummissjoni għandhom ikunu validi jekk f'kull każ jistabbilixxu b'mod ċar il-pajjiżi esportatur, il-grupp ta' prodott ikkonċernat, l-ammonti li jridu jiġu importati, in-numru tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni, is-sena ta' kwota u l-Istat Membru li fih huwa maħsub li l-prodotti jitpoġġew f'moviment ħieles.

3. Safejn huwa possibbli, il-Kummissjoni għandha tikkonferma ma' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri l-ammont sħiħ indikat fit-talbiet innotifikati għal kull grupp tal-prodott ta' prodotti. B'żieda ma' dan, il-Kummissjoni għandha minnufih tikkuntattja lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukraina f'każijiet fejn talbiet innotifikati jaqbżu l-limiti sabiex b'hekk l-affarijiet ikunu ċċarati u tinstab soluzzjoni malajr.

4. L-awtoritjiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom minnufih jinnotifikaw lill-Kummissjoni wara li jkunu mgħarrfa bi kwalunkwe kwantità li ma tiġix użata matul iż-żmien tal-validità ta' l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni. Tali kwantitajiet li ma jiġux użati għandhom jiġu awtomatikament trasferiti fil-kwantitajiet li jkun għad fadal tal-limitu kwantitattiv Komunitarju totali għal kull grupp ta' prodott.

5. In-notifiki msemmija fil-paragrafi 1 sa 4 għandhom jiġu kkomunikati elettronikament fi ħdan in-netwerk integrat maħluq għal dan l-għan, sakemm ma jkunx meħtieġ li temporanjament, għal raġunijiet tekniċi imperattivi, jintużaw mezzi oħra ta' komunikazzjoni.

6. L-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni jew dokumenti ekwivalenti għandhom jinħarġu bi qbil mal-Kapitolu II.

7. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe tħassir ta' awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni jew ta' dokumenti ekwivalenti li diġà nħarġu f'każijiet

▼B

fejn il-liċenzji ta' l-esportazzjoni korrispondenti jkunu ġew iritirati jew mħassra mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukraina. Madankollu, jekk il-Kummissjoni jew l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jkunu ġew mgħarrfa mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukraina bl-irtirar jew it-tħassir ta' liċenzja ta' l-esportazzjoni wara li l-prodotti relatati jkunu ġew importati fil-Komunità, il-kwantitajiet ikkonċernati għandhom jingħaddu mal-limiti kwantitattivi għas-sena li matulha tkun intbagħtet il-kunsinna ta' prodotti.

Artikolu 5

Għall-għanijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 3(3), 3(4) u 10(1) tal-Ftehim, il-Kummissjoni hija hawnhekk awtorizzata li twettaq l-aġġustamenti meħtieġa.

Artikolu 6

1. Fejn, wara l-inkjesti imwettqa b'konformità mal-proċeduri stipulati fil-Kapitolu III, il-Kummissjoni tara li t-tagħrif fil-pussess tagħha jikkostitwixxi prova li prodotti elenkati fl-Anness I li joriġinaw fl-Ukraina jkunu ġew trasbordati, trasportati permezz ta' rotot ġodda jew inkella importati fil-Komunità b'elużjoni tal-limiti kwantitattivi msemmija fl-Artikolu 2 u li jkun hemm il-ħtieġa li jseħħu l-aġġustamenti meħtieġa, din għandha titlob li jinfetħu konsultazzjonijiet sabiex ikun jista' jintlaħaq ftehim dwar aġġustament ekwivalenti tal-limiti kwantitattivi korrispondenti.

2. Fl-istennija tar-riżultat tal-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, meta jkun hemm prova ċara ta' elużjoni, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Ukraina sabiex tieħu l-passi ta' prekawzjoni meħtieġa sabiex tiżgura li l-aġġustamenti għal-limiti kwantitattivi li jkun sar qbil dwarhom wara tali konsultazzjonijet ikunu jistgħu jitwettqu għas-sena li fiha t-talba għall-konsultazzjonijiet tkun tressqet jew għas-sena ta' wara, jekk il-limiti kwantitattivi għas-sena attwali jkunu ntlaħqu.

3. Jekk il-Komunità u l-Ukraina jonqsu milli jaslu għal soluzzjoni sodisfaċenti u jekk il-Kummissjoni tosserva li jkun hemm prova ċara ta' elużjoni, il-Kummissjoni għandha tnaqqas il-volum ekwivalenti ta' prodotti li oriġinaw mill-Ukraina mil-limiti kwantitattivi.

KAPITOLU II

MODALITAJIET APPLIKABBLI GĦALL-AMMINISTRAZZJONITAL-LIMITI KWANTITATTIVI

TAQSIMA 1

Klassifika

Artikolu 7

Il-klassifika tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament hija msejsa fuq in-nomenklatura magħquda (NM) stabbilita bir-Regolament (KEE) Nru 2658/87.

Artikolu 8

Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew ta' Stat Membru, it-Taqsima tan-Nomenklatura Tariffarja u Statistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, li ġiet stabbilita bir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 se teżamina b'urġenza, b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament, kull mistoqsija dwar il-klassifikazzjoni ta' prodotti koperti minn dan

▼B

ir-Regolament fi ħdan in-nomenklatura magħquda sabiex tikklassifikahom fil-gruppi xierqa tal-prodott.

Artikolu 9

Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Ukraina b'kull tibdil fin-nomenklatura magħquda (NM) u l-kodiċi TARIC li jaffettwaw prodotti koperti minn dan ir-Regolament minn ta' l-anqas xahar qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom fil-Komunità.

Artikolu 10

Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukraina bi kwalunkwe deċiżjoni adottata b'konformità mal-proċeduri fis-seħħ fil-Komunità li għandhom x'jaqsmu mal-klassifikazzjoni ta' prodotti koperti minn dan ir-Regolament, sa mhux aktar tard minn xahar wara l-adozzjoni tagħhom. Tali komunikazzjoni għandha tinkludi:

(a) deskrizzjoni tal-prodotti kkonċernati;

(b) il-grupp tal-prodott rilevanti, il-kodiċi tan-nomenklatura magħquda (kodiċi NM) u l-kodiċi TARIC;

(ċ) ir-raġunijiet li wasslu għal din id-deċiżjoni.

Artikolu 11

1. Fejn deċiżjoni ta' klassifikazzjoni adottata b'konformità ma' proċeduri Komunitarji fis-seħħ tirriżulta f'bidla tal-prassi ta' klassifikazzjoni jew bidla fil-grupp tal-prodott ta' kwalunkwe prodott kopert minn dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jipprovdu avviż ta' 30 jum, mid-data tan-notifika tal-Kummissjoni, qabel mad-deċiżjoni tidħol fis-seħħ.

2. Prodotti mibgħuta qabel id-data ta' l-applikazzjoni tad-deċiżjoni għandhom jibqgħu soġġetti għall-prassi ta' klassifikazzjoni preċedenti, dejjem jekk il-prodotti kkonċernati jiddaħħlu għall-importazzjoni fi żmien 60 jum minn dik id-data.

Artikolu 12

Fejn deċiżjoni ta' klassifikazzjoni adottata b'konformità mal-proċeduri Komunitarji fis-seħħ imsemmija fl-Artikolu 11 tinvolvi grupp tal-prodott soġġett għal limitu kwantitattiv, il-Kummissjoni għandha, fejn meħtieġ, tibda konsultazzjonijiet mingħajr ebda telf ta' żmien b'konformità ma' l-Artikolu 8, sabiex jintlaħaq ftehim dwar kwalunkwe aġġustamenti meħtieġa mal-limiti kwantitattivi korrispondenti previsti fl-Anness V.

Artikolu 13

1. Mingħajr preġudizzju għal ebda dispożizzjoni oħra dwar dan is-suġġett, fejn il-klassifikazzjoni indikata fid-dokumentazzjoni meħtieġ għall-importazzjoni tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament ma taqbilx mal-klassifikazzjoni stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li fih se jiġu importati, il-prodotti kkonċernati għandhom jiġu proviżorjament soġġetti għall-arranġamenti ta' importazzjoni li, b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, huma applikabbli għalihom fuq il-bażi tal-klassifikazzjoni ddeterminata mill-awtoritajiet imsemmija qabel.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, u b'mod partikolari jindikaw:

▼B

(a) il-kwantitajiet ta' prodotti involuti;

(b) il-grupp ta' prodotti muri fuq id-dokumentazzjoni ta' importazzjoni u dak miżmum mill-awtoritajiet kompetenti;

(ċ) l-għadd tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni u l-kategorija murija.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri m'għandhomx joħorġu awtorizzazzjoni ta' importazzjoni ġdida għal prodotti ta' l-azzar soġġetti għal-limiti kwantitattivi tal-Komunità elenkati fl-Anness V wara l-klassifikazzjoni mill-ġdid sakemm tinkiseb konferma mill-Kummissjoni b'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 4 li l-ammonti li għandhom jiġu importati huma disponibbli.

4. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiżi esportaturi kkonċernati bil-każijiet imsemmija f'dan l-Artikolu.

Artikolu 14

Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 13, kif ukoll f'dawk ta' natura simili mqajma mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukraina, il-Kummissjoni, jekk meħtieġ, għandha tikkonsulta ma' l-Ukraina sabiex tilħaq ftehim dwar il-klassifikazzjoni applikabbli definittivament għall-prodotti involuti fid-diverġenza.

Artikolu 15

Il-Kummissjoni, fi ftehim ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru jew ta' l-Istati Membri importatur(i) u ta' l-Ukraina, tista', fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 14, tistabbilixxi l-klassifikazzjoni definittivament applikabbli għall-prodotti involuti fid-diverġenza.

Artikolu 16

Meta każ ta' diverġenza msemmi fl-Artikolu 13 ma jkunx jista' jissolva b'konformità ma' l-Artikolu 14, il-Kummissjoni għandha tadotta, b'konformità ma' l-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, miżura li tistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-prodotti fin-nomenklatura magħquda.

TAQSIMA 2

Is-sistema ta' kontroll doppju għall-amministrazzjoni ta' limiti kwantitattivi

Artikolu 17

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukraina għandhom joħorġu liċenzja ta' l-esportazzjoni fir-rigward ta' kull kunsinna ta' prodotti ta' l-azzar soġġetti għal-limiti kwantitattivi stipulati fl-Anness V sal-livell ta' dawk il-limiti.

2. L-importatur għandu jippreżenta l-kopja oriġinali tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni għall-għanijiet tal-kwistjoni ta' l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni msemmija fl-Artikolu 20.

Artikolu 18

1. Il-liċenzja ta' l-esportazzjoni għal-limiti kwantitattivi għandha tikkonforma mal-mudell stipulat fl-Anness II u għandha tiċċertifika, *inter alia*, li l-kwantità ta' prodotti kkonċernati ngħaddu mal-limiti kwantitattivi stabbiliti għall-grupp tal-prodott kkonċernat.

▼B

2. Kull liċenza ta' l-esportazzjoni għandha tkopri biss wieħed mill-gruppi tal-prodott elenkati fl-Anness I.

Artikolu 19

L-esportazzjonijiet għandhom jingħaddu mal-limiti kwantitattivi stabbiliti għas-sena li fiha l-prodotti koperti mil-liċenzja ta' l-esportazzjoni jkunu ntbagħtu fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 2(4).

Artikolu 20

1. Sal-punt li fih il-Kummissjoni tkun ikkonfermat li l-ammont mitlub huwa disponibbli fi ħdan il-limiti kwantitattivi kkonċernati skond l-Artikolu 4, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom joħorġu awtorizzazzjoni ta' importazzjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol wara l-preżentazzjoni mill-importatur tal-kopja oriġinali tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni korrispondenti. Din il-preżentazzjoni trid isseħħ sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara dik li fiha l-prodotti koperti mil-liċenzja ta' l-esportazzjoni jkunu ntbagħtu. Awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru irrispettivament mill-Istat Membru indikat fuq il-liċenzja ta' l-esportazzjoni, sal punt li fih il-Kummissjoni tkun ikkonfermat, bi qbil mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 4, li l-ammont mitlub ikun disponibbli fi ħdan il-limiti kwantitattivi kkonċernati.

2. L-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni għandhom ikunu validi għal erba' xhur mid-data tal-ħruġ tagħhom. Meta ssir talba motivata kif xieraq minn importatur, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jestendu t-tul ta' żmien tal-validità għal perjodu ulterjuri li ma jaqbiżx l-erba' xhur.

3. L-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni għandhom jitfasslu bi qbil mal-mudell stipulat fl-Anness III u għandhom ikunu validi fit-territorju doganali kollu tal-Komunità.

4. Id-dikjarazzjoni jew talba magħmula mill-importatur sabiex jakkwista l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għandu jkun fiha:

(a) l-isem sħiħ u l-indirizz ta' l-esportatur;

(b) l-isem sħiħ u l-indirizz ta' l-importatur;

(ċ) id-deskrizzjoni eżatta tal-prodotti u l-kodiċi TARIC tagħhom;

(d) il-pajjiż ta' oriġini tal-prodotti;

(e) il-pajjiż destinatarju tal-kunsinna;

(f) il-grupp ta' prodott xieraq u l-kwantità għall-prodotti kkonċernati;

(g) il-piż nett skond l-intestatura NM;

(h) il-valur CIF tal-prodotti fil-fruntiera tal-Komunità skond l-intestatura NM;

(i) fejn xieraq, id-dati tal-ħlas u tal-kunsinna u kopja tal-polza tat-tagħbija u tal-kuntratt ta' xiri;

(j) data u numru tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni;

(k) kwalunkwe kodiċi intern użat għal raġunijiet amministrattivi;

(l) data u firma ta' l-importatur.

5. L-importaturi m'għandhomx ikunu obbligati li jimportaw il-kwantità totali koperta b'awtorizzazzjoni ta' importazzjoni f'kunsinna waħda.

6. L-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni tista' tinħareġ b'mezzi elettroniċi sakemm l-uffiċċji doganali involuti jkollhom aċċess għad-dokument permezz ta' netwerk tal-kompjuters.

▼B

Artikolu 21

Il-validità ta' l-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri għandhom jiġu soġġetti għall-validità ta' liċenzji ta' l-esportazzjoni u l-kwantitajiet indikati fil-liċenzji ta' l-esportazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukraina fuq il-bażi li fuqha jkunu ħarġu l-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni.

Artikolu 22

L-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni jew dokumenti ekwivalenti għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri b'konformità ma' l-Artikolu 2(2) u mingħajr diskriminazzjoni għal kwalunkwe importatur fil-Komunità, ikun fejn ikun il-post ta' l-istabbiliment fil-Komunità, mingħajr preġudizzju għal kundizzjonijiet oħrajn meħtieġa taħt ir-regoli attwali.

Artikolu 23

1. Jekk il-Kummissjoni ssib li l-kwantitajiet totali koperti mil-liċenzji ta' l-esportazzjoni maħruġa mill-Ukraina għal grupp tal-prodott partikolari matul kwalunkwe sena jaqbeż il-limiti kwantitattivi stabbiliti għal dak il-grupp ta' prodott, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom minnufih jiġu mgħarrfa sabiex jissosspendu l-kwistjoni ulterjuri ta' l-awtorizzazzjonjiet ta' importazzjoni. F'din l-eventwalità, il-konsultazzjonijiet għandhom minnufih jinbdew mill-Kummissjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru għandhom jirrifjutaw li joħorġu awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni għal prodotti li joriġinaw fl-Ukraina li mhumiex koperti mil-liċenzji ta' importazzjoni maħruġa skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

TAQSIMA 3

Dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 24

1. Il-liċenzji ta' l-esportazzjoni msemmija fl-Artikolu 17 u ċ-ċertifikat ta' l-oriġini msemmi fl-Artikolu 2 jista' jinkludi kopji addizjonali indikati kif xieraq bħala tali. L-oriġinal u l-kopji ta' dawn id-dokumenti għandhom jinkitbu bl-Ingliż.

2. Jekk id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 jinkitbu bl-idejn dan għandu jsir bil-linka u b'ittri kbar.

3. Il-liċenzji ta' l-esportazzjoni jew dokumenti ekwivalenti u ċertifikati ta' l-oriġini għandu jkollhom il-kejl ta' 210 × 297 mm. Il-karta għandha tkun karta bajda, skond il-qies imsemmi, mingħajr irriċiklar mekkaniku u ma tkunx tiżen inqas minn 25 g/m^2. Kull parti għandu jkollha disinn guilloche pprintjat fl-isfond li jagħmel kull falsifikazzjoni b'mezzi mekkaniċi jew kimiċi tidher b'mod ċar.

4. Il-kopja oriġinali biss għandha tiġi aċċettata mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri bħala valida għal raġunijiet ta' importazzjoni b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

5. Kull liċenzja ta' l-esportazzjoni jew dokument ekwivalenti u ċ-ċertifikat ta' l-oriġini għandu jkollhom in-numru tas-serje standardizzat, stampat jew le, li bih ikunu jistgħu jiġu identifikati.

6. Dan in-numru għandu jikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

— żewġ ittri li jidentifikaw il-pajjiż esportatur kif ġej:

UA = Ukraina

▼B

— żewġ ittri li jidentifikaw lill-Istat Membru tad-destinazzjoni maħsuba kif ġej:

BE = Il-Belġju

BG = Il-Bulgarija

CZ = Ir-Repubblika Ċeka

DK = Id-Danimarka

DE = Il-Ġermanja

EE = L-Estonja

EL = Il-Greċja

ES = Spanja

FR = Franza

IE = L-Irlanda

IT = L-Italja

CY = Ċipru

LV = Il-Latvja

LT = Il-Litwanja

LU = Il-Lussemburgu

HU = L-Ungerija

MT = Malta

NL = L-Olanda

AT = L-Awstrija

PL = Il-Polonja

PT = Il-Portugall

RO = Ir-Rumanija

SI = Is-Slovenja

SK = Is-Slovakkja

FI = Il-Finlandja

SE = L-Isvezja

GB = Ir-Renju Unit,

— numru ta' ċifra waħda li jidentifika s-sena ta' kwota li jikkorrispondi ma' l-aħħar numru tas-sena kkonċernata, pereżempju "7" għas-sena 2007;

— numru b'żewġ ċifri li jidentifika l-uffiċju tal-ħruġ fil-pajjiż esportatur;

— numru b'ħames ċifri li jingħata b'mod konsekuttiv minn 00001 sa 99999 allokat lill-Istat Membru destinatarju speċifiku.

Artikolu 25

Il-liċenza ta' l-esportazzjoni u ċ-ċertifikat ta' l-oriġini jistgħu jinħarġu wara li jintbagħtu l-prodotti li jirreferu għalihom. F'tali każijiet, dawn għandhom juru l-kliem "maħruġ/a retrospettivament".

▼B

Artikolu 26

Fil-każ li liċenzja ta' l-esportazzjoni jew ċertifikat ta' l-oriġini jinsteraq, jintlef jew jinqered, l-esportatur jista' japplika għand l-awtorità kompetenti li tkun ħarġet id-dokument biex joħorġu kopja abbażi tad-dokumenti ta' l-esportazzjoni fil-pussess tiegħu. Il-liċenzja jew ċertifikat duplikat maħruġ b'dan il-mod għandu juri l-kliem "duplikat".

Id-duplikat għandu juri d-data tal-liċenzja jew ċertifikat oriġinali.

TAQSIMA 4

Awtorizzazzjoni ta' importazzjoni komunitarja - formola komuni

Artikolu 27

1. Il-formoli li se jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għall-ħruġ ta' l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni msemmija fl-Artikolu 20 għandhom jikkonformaw mal-mudell ta' l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni stipulat fl-Anness III.

2. Formoli għal awtorizzazzjoni ta' importazzjoni u estratti minnhom għandhom isiru f'żewġ kopji, waħda, immarkata "Kopja tad-detentur" u bin-numru 1 għandha tinħareġ lill-applikant, u l-oħra, immarkata "Kopja għall-awtorità ta' ħruġ" u bin-numru 2 għandha tinżamm mill-awtorità li toħroġ il-liċenzja. Għal għanijiet amministrattivi l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jżidu kopji addizzjonali mal-formola 2.

3. Il-formoli għandhom jiġu stampati fuq karta bajda mingħajr irriċiklar mekkaniku, imħejjija għall-kitba u li tiżen bejn 55 u 65 g/m^2. Iddaqs tagħhom għandu jkun ta' 210 × 297 mm; l-ispazzju tat-tipa bejn illinji għandu jkun ta' 4,24 mm (wieħed minn sitt partijiet ta' pulzier); ittaqsim tal-formoli għandu jkun segwit bi preċiżjoni. Iż-żewġ naħat talkopja Nru 1, li hija l-liċenzja nnifisha, b'żieda ma' dan għandu jkollha disinn guilloche stampat bl-aħmar fl-isfond sabiex jikxef kwalunkwe falsifikazzjoni b'mezzi mekkaniċi u kimiċi.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu reponsabbli sabiex jiġu stampati l-formoli. Il-formoli jistgħu jiġu stampati wkoll minn stampaturi magħżula mill-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti. Fil-każ ta' l-aħħar, fuq kull formola għandu jkun hemm referenza għall-għażla ta' l-Istat Membru. Kull formola għandu jkollha l-isem u l-indirizz ta' l-istampatur jew marka li tippermetti li l-istampatur jiġi identifikat.

5. Fil-mument tal-ħruġ tagħhom l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni jew l-estratti għandhom jingħataw numru tal-ħruġ stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru. In-numru ta' l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni elettronikament fi ħdan in-netwerk integrat stipulat taħt l-Artikolu 4.

